L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Avviż:** Nirreċtaw Ħrejjifna - Klabb ta' Drama u Rakkontar ta' Stejjer

(Ottubru sa Diċembru 2026)

**Lil:** Ġenituri/Kustodji ta' tfal li qegħdin fil-ħames u s-sitt sena tal-primarja

(matul is-sena skolastika 2026-2027)

**Data:** 14 ta' Settembru 2026

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se torganizza l-klabb *Nirreċtaw Ħrejjifna* wara l-ħin tal-iskola għat-tfal li qegħdin fil-ħames u s-sitt sena tal-primarja (matul is-sena skolastika 2026-2027). L-għan tal-klabb hu li nħeġġu lill-parteċipanti jiżviluppaw il-ħiliet tad-drama u tal-lingwa u jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom permezz ta' logħob multisensorjali bbażat fuq il-ħrejjef. It-tfal se jkunu qegħdin jitgħallmu bil-metodu ta' teatru maħluq (*devised theatre*) fejn se jadattaw stejjer u flimkien jiktbu u jtellgħu reċta sal-aħħar tal-klabb.

F'dan il-klabb l-istudenti se jiżviluppaw diversi ħiliet tal-lingwa, fosthom it-taħdit u s-smigħ, kif tibni storja, u kif tesprimi ruħek b'mod ċar. It-tfal se jiġu mħeġġa jużaw intonazzjoni xierqa, movimenti, u espressjonijiet sabiex iwasslu emozzjonijiet differenti, kif ukoll jitgħallmu jaħdmu b'mod kollaborattiv ma' sħabhom. It-tagħlim se jkun multisensorjali minħabba li se tingħata importanza lill-użu tal-vuċi, il-moviment, il-mużika, u stimoli viżivi, biex nilħqu l-istudenti li jitgħallmu b'modi differenti. Dawn l-attivitajiet se jgħinu wkoll biex tissaħħaħ il-kreattività, il-kunfidenza, l-empatija u l-komunikazzjoni.

Se jkun hemm **żewġ** gruppi. Is-sessjonijiet tal-grupp tat-Tlieta se jsiru bl-Ingliż, waqt li s-sessjonijiet tal-grupp tal-Ħamis se jsiru bil-Malti.

**Post:**

Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun

**L-Ewwel Grupp – Nhar ta' Tlieta (is-sessjonijiet se jsiru bl-Ingliż)**

**Ħin:** 3:30 p.m. - 5:00 p.m.

**Dati:**

6, 13, 20, 27 ta' Ottubru;

3, 10, 24 ta' Novembru;

1, 15 ta' Diċembru 2026

**It-Tieni Grupp – Nhar ta' Ħamis (is-sessjonijiet se jsiru bil-Malti)**

**Ħin:** 3:30 p.m. - 5:00 p.m.

**Dati:**

8, 15, 29 ta' Ottubru;

5, 12, 19, 26 ta' Novembru;

3, 17 ta' Diċembru 2026

Min hu interessat jista' japplika billi jimla l-formola online li ssibha hawn. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-**Erbgħa, 30 ta' Settembru 2026**. Dan il-klabb se jkun offrut bla ħlas. Kull min jattendi b'mod regolari u jtemm il-klabb b'suċċess jingħata ċertifikat u ktieb. Jekk in-numru ta' parteċipanti meħtieġ ma jintlaħaqx il-klabb jista' ma jsirx. Jekk l-Aġenzija tirċievi iktar applikazzjonijiet milli tista' taċċetta, l-applikazzjonijiet jintgħażlu skont min japplika l-ewwel u tingħata preferenza li dawk l-istudenti li qatt ma ħadu sehem f'dan il-programm.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ċempel 25983324.

Grazzi tal-attenzjoni,

David Muscat

Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu